**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 83/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Dylan Agius**
**(ID 401187(M))**

**Illum, 8 ta' Lulju 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Dylan Agius ta' 23 sena, iben Ronald u Michelina nee` Galea, imwieled il-Pieta` fit-2 ta' Settembru 1987 u residenti Binja F. Sciberras, Ent. B, Flat 2, Triq Pietro Floriani, Floriana detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 401187(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Frar 2011 u matul l-ahhar jiem ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinana dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kif ukoll talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh;

d) U aktar talli sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-25 ta' Frar 2009 mill-Magistrat A. J. Vella LL.D., liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna l-iffrizar u tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali, il-flejjes u l-proprjeta` mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta` tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli u dan ai termini tal-Artikolu 22A(1)(a)(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar qabel il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar id-19 ta' Frar 2011, ghall-habta tad-9.00 p.m., saret tfittxija gewwa l-*Family Bar*, il-Furjana, fejn dak il-hin, kien hemm l-imputat wara l-*bar*. Fil-hin tat-tfittxija kien hemm madwar seba' persuni (inkluz l-imputat) gewwa l-istess *bar*, liema persuni, hlief ghall-imputat, kienu lkoll jinsabu mal-bank tal-*bar*. Tfittxijiet li saru fuq il-persuni kollha prezenti u anke wara l-bank tal-*bar* taw ezitu negattiv, izda fit-tarag ta' garigor li jaghti ghall-kantina tal-istess fond instabu zewg boroz tal-plastik bi trab abjad u gewwa gakketta bajda li kienet imdendla ma' siggu fl-istess *bar*, instabet kaxxa zghira tal-kartun li kien fiha borza tal-plastik li kienet tikkontjeni pilloli u boroz tal-plastik b'sustanza bajda. Sussegwentement, mill-vettura tal-imputat giet elevata s-somma ta' sitt mitt Euro (€600), fil-waqt illi waqt tfittxija fir-residenza tal-istess imputat, gew elevati xi *mobile phones*.[1]

Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut[2], jirrizulta illi huwa gie moghti s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu: i) zewg boroz tal-plastik trasparenti li kien fihom trab ta' lewn abjad u li maghhom kien hemm *tag* bil-kliem – Data: 19/02/11, Hin: 21:15, Elevat/i minn got-tarag tal-hanut fil-presenza ta' Dylan Agius 401187(M) minn PC 1372, PC 323; ii) kaxxa tal-kartun bajda li fiha borza tal-plastik zghira trasparenti li fiha 10 pilloli ta' lewn abjad u iii) disa' boroz tal-plastik trasparenti li fihom sustanza ta' lewn bajda. Ma' dawn id-dokumenti

---

[1] Ara x-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar (a fol. 39 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' WPC 237 Antonella Vella (a fol. 49 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 364 David Borg (a fol. 56 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 673 Kevin Muscat (a fol. 63 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba (a fol. 106 *et seq* tal-process).
[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 102 tal-process.

kien hemm *tag* bil-kliem – Data: 19/02/11, Hin: 21:15, Elevat/i minn gol-gakketta bajda fil-presenza ta' Dylan Agius 401187(M) minn PC 364.

Skond l-istess relazzjoni, fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad fid-dokumenti fuq indikati, instabet is-sustanza kokaina, li l-piz tat-trab kien ta' 14.32 grammi u l-purita` tat-trab kienet ta' cirka 40%. Fl-estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn abjad fid-dokument fuq indikat, instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*.

Mir-relazzjoni tal-espert PC 1525 Patrick Farrugia[3], jirrizulta illi gew zviluppati erba' impronti, ilkoll fuq il-kaxxa zghira tal-kartun, li kien fiha ghaxar boroz tal-plastik (ossia borza bil-pilloli u disa' boroz b'sustanza bajda).

Mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia[4], li gie inkarigat biex jaghmel ezami komparattiv bejn ir-ritratti li juru l-imsemmija impronti digitali li gew zviluppati fuq il-kaxxa msemmija u l-formola tal-impronti digitali u l-formola tal-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat odjern, jirrizulta illi tlieta minn dawn l-impronti digitali meta kkomparati mal-formola tal-impronti digitali tal-imputat u anke mal-formola tal-marki tal-pali tal-idejn, taw rizultat negattiv. In oltre impronta minnhom zviluppata fuq il-kaxxa msemmija kienet nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk ma setghux isiru ezamijiet komparattivi bejn din l-impronta u l-formola tal-impronti digitali u l-formola tal-marki tal-pali tal-idejn tal-istess imputat.

L-imputat irrilaxxja stqarrija l-ghada, fl-20 ta' Frar 2011, wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem izda dak li jghid jitnizzel bil-miktub u jista' jingab bhala prova, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt madankollu huwa ghazel li ma jezercitahx.[5]

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Illi f'dan il-kaz, id-difiza m'hijiex tikkontesta li s-sustanza misjuba kienet droga u lanqas ma qeghda tikkontesta fejn instabet din id-droga. Dak li tikkontendi d-difiza huwa li minkejja li d-droga nstabet fil-fond *Family Bar* fejn kien hemm l-imputat wara l-*bar*, biss m'hemm l-ebda prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi fl-ewwel lok, tistabilixxi xi ness bejn l-imputat odjern u d-droga misjuba fit-tarag imsemmi, tenut kont tac-cirkostanzi li fihom instabet din id-droga u fit-tieni

---

[3] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 144 tal-process.
[4] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 196 tal-process.
[5] L-istqarrija tal-imputat tinsab esebita a fol. 33 tal-process.

lok, illi l-gakketta misjuba fl-istess fond, f'liema gakketta nstabet id-droga, kienet tappartjeni lill-imputat.

Fir-rigward tad-droga kokaina li giet misjuba fit-tarag tal-garigor li jaghti ghas-sular ta' taht il-*bar*, jirrizulta mill-atti illi z-zewg ufficjali tal-pulizija li sabu u elevaw din id-droga, kienu PC 323 Cedric Buhagiar u PC 1372 Alan Cutajar[6]. Mix-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar, jirrizulta illi wara li t-tfittxija wara l-bank tal-*bar* tat ezitu negattiv, huwa kompla t-tfittxija fil-parti ta' taht tal-istess hanut. Jghid illi "*kien hemm tarag li jaghti ghan-naha ta' taht tal-hanut, kien garigor dan, ghamilna is-search isfel u imbghad ahna u telghin rajna dawn il-pakketti li semmejt iktar qabel b'sustanza bajda go fihom*".[7] Da parti tieghu, PC 1372 Alan Cutajar[8] jghid illi t-*toilet* tal-*bar* kien jinsab isfel, jigifieri kont tinzel ghalih bil-garigor u li t-*toilet* kien miftuh ghall-pubbliku. Jghid ukoll illi l-pakkett (fil-fatt kienu zewg pakketti) bid-droga instabu f'nofs targa, mal-art, fl-istess garigor u li effettivament ma kellhomx ghalfejn jaghmlu xi tfittxija biex isibu din id-droga. Jirrizulta wkoll minn din ix-xhieda u anke mix-xhieda ta' PC 673 Kevin Muscat u ta' PC 760 Christopher Saliba, illi dan il-garigor kien jinsab faccata tal-bank tal-*bar*, fuq in-naha tal-lemin skond PC 1372 u skond PC 760, trid taqsam il-kamra biex mill-*bar* tasal ghalih. Issa ghalkemm WPC 237 Antonella Vella, fix-xhieda taghha, tghid illi t-*toilets* ta' isfel kienu *toilets* tan-nisa "*pero` id-dawl ma jahdimx qal*"[9], mix-xhieda taghha ma jidhirx illi hija f'xi hin nizlet isfel u fit-tieni lok, lanqas ma jirrizulta mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li ghamlu t-tfittxija isfel, illi ma kienx hemm dawl fit-*toilets*. In oltre hija ma tghidx min kien qalilha li d-dawl ma kienx jahdem u jekk dan il-kliem kien qalu l-imputat, ma jirrizutax f'liema mument kien qalu ossia jekk kienx qal dan id-diskors qabel jew wara nghata t-twissija skond il-ligi.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Borg</u>** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

"*Dwar x'jammonta ghal <u>pussess</u> ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li <u>l-presenza</u> ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha <u>xi forma ta' kontroll</u> tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal <u>pussess</u> ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta*

[6] Ara x-xhieda ta' PC 1372 Alan Cutajar, a fol. 215 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 42 tal-process.
[8] Ara x-xhieda tieghu a fol. 215 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 51 tal-process.

*bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-27 ta' April 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro**, l-appellant kien gie akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat ta' droga kokaina, u dan wara li l-Pulizija, waqt tfittxija li saret gewwa l-Kazin tal-Banda ta' Stella Maris, f'Tas-Sliema, f'kexxun f'kamra li tigi wara l-*bar*, sabu madwar ghaxart iqratas li kien fihom trab suspettat droga kokaina. Fis-sentenza taghha, l-istess Qorti qalet hekk:-

"*Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-imputat, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' jkollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju*

*wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu, wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-esistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija*".

Dwar is-sejba tad-droga fit-tarag, il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi jirrizulta illi din ma kinitx mohbija, izda bhal mitluqa f'nofs ta' tarag, tant illi PC 1372 jghid illi din kienet f'nofs targa, mal-art fil-garigor. Effettivament, jirrizulta wkoll illi PC 323 u PC 1372 lanqas kellhom jaghmlu xi sforzi kbar biex isibu din id-droga, kif jghid PC 1372 u PC 323 jghid illi raw id-droga huma u telghin lura t-tarag. Jirrizulta wkoll illi l-*bar* in kwistjoni kien miftuh ghall-pubbliku u li fil-hin tat-tfittxija kien hemm xi sitt persuni mal-*bar*. In oltre dan it-tarag ma kienx f'xi parti tal-*bar* fejn ma kellhomx access ghalih terzi persuni, izda anzi jirrizulta illi dan kien jinsab faccata tal-bank tal-*bar* u li wiehed seta' jasal ghalih billi jaqsam il-kamra u in oltre illi isfel, hekk kif wiehed jinzel it-tarag kien hemm *toilet* li kien miftuh ghall-pubbliku skond PC 1372. Ghalhekk ghalkemm l-imputat kien l-unika persuna fil-*bar* li kien responsabbli mill-fond fil-hin in kwistjoni u bhala fatt, skond l-istqarrija tieghu, huwa kien jahdem bhala *barman* f'dan il-hanut li kien ta' missieru u li kien licenzjat bhala *substitute* fl-istess hanut, il-Qorti ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi dik id-droga kienet tappartjeni lill-imputat jew inkella illi huwa kellu dik ix-xjenza, li trid il-ligi, illi z-zewg boroz bid-droga kokaina kienu jinsabu fil-fond.

Jibqa' ghalhekk illi l-Qorti tevalwa l-provi mressqa fir-rigward tas-sejba tad-droga gewwa gakketta bajda li nstabet ukoll fl-istess hanut. Dwar dan, fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza ssostni illi ma ngabet l-ebda prova, sal-grad tal-konvinciment morali, illi turi li l-gakketta in kwistjoni u/jew id-droga li nstabet fiha kienet tappartjeni lill-imputat u illi effettivament il-Prosekuzzjoni kienet biss assumiet illi din il-gakketta, li fiha nstabet id-droga, kienet tal-istess imputat.

Apparti l-kwistjoni tal-ammissjoni o meno tal-imputat dwar il-fatt li l-gakketta in kwistjoni kienet tieghu, li dwarha l-Qorti ser taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha izjed ‘il quddiem, il-Qorti jidhrilha illi hemm bizzejjed provi indizjarji u univoci li jwassluha ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, illi l-gakketta li fiha nstabet id-droga, kienet tappartjeni lill-imputat odjern.
Fir-rigward ta’ provi indizjarji jew indiretti, fil-kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs George Spiteri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Lulju 2002, il-Qorti sostniet hekk:

“*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta’ l-univocita` taghha, cioe` li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*”

Fil-kaz fl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta’ April 2001 intqal illi “*il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita` ta' l-imputat.*”

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-15 ta’ Mejju 2009:

“*L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b’konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni li ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci.*”

Illi l-gurist Ingliz Pollock C.B[10] jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita` tagħha bis-segwenti mod:

[10] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).

"*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*"

Il-Qorti tqis is-segwenti provi indizjarji bhala sufficjentement univoci u li jistghu jwassluha sal-grad tal-konvinciment morali illi l-gakketta in kwistjoni kienet effettivament tappartjeni lill-imputat odjern:

1. Il-gakketta bajda in kwistjoni kienet gakketta tal-irgiel ta' mizura zghira.[11]

2. Il-Qorti setghet tikkonstata li l-imputat odjern huwa ta' statura zghira.

3. Skond ix-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar, huwa ghamel tfittxija fuq certu Patrick Oschea li kien wiehed mill-persuni prezenti fil-*bar* u li kien ta' statura kbira. WPC 237 Antonella Vella xehdet illi hija ghamlet tfittxija fuq tfajla li kienet liebsa gakketta u in oltre illi hadd mill-persuni li kien hemm fil-*bar*, li kienu lkoll irgiel hlief ghat-tfajla msemmija[12], ma kien ta' statura zghira. Skond l-istess WPC 237 Antonella Vella t-tfajla kienet akkumpanjata minn guvni li wkoll kien liebes gakketta u li fuqu saret tfittxija minn PC 673 Kevin Muscat, li wkoll ikkonferma li dan il-guvni kien liebes gakketta. PS 364 David Borg ukoll jikkonferma li l-persuni kollha li kien hemm fil-*bar* kienu ta' statura daqxejn kbira, fil-waqt illi l-gakketta kienet ta' mizura zghira u l-imputat effettivament kien ta' statura zghira. PC 760 Christopher Saliba jghid illi r-ragel li fuqu huwa ghamel tfittxija wkoll kien ta' statura ikbar minnu (mix-xhud) u cioe` bhala mizura, cirka XL u li dan ukoll kien liebes gakketta. Jirrizulta wkoll illi fl-istess *bar* ma kienx hemm izjed minn seba' persuna, inkluz l-imputat.

4. Skond ix-xhieda ta' WPC 237 Antonella Vella, fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien liebes *jersey* bl-i*stripes*, *jeans* skur, <u>cinturin abjad u *slipper* abjad</u> [sottolinear tal-Qorti].

[11] Ara r-ritratt ta' din il-gakketta FS 110358 – 11 ANT 111 u FS 110258 – 11 ANT 112 fir-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela, esebita a fol. 99 tal-process.
[12] Li kien hemm tfajla wahda fil-*bar* fil-hin tat-tfittxija gie kkonfermat ukoll minn PS 364 David Borg.

5. Ukoll skond ix-xhieda ta' WPC 237 Antonella Vella, dakinhar kien temp ikrah u hija rrimarkat lill-imputat "*Possibbli ma gibtx gakketta mieghek*?" li jfisser ghalhekk illi l-imputat ma kienx liebes gakketta u/jew ma kienx jidher li kellu gakketta.

6. Skond ix-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar, il-gakketta kienet tinsab fuq siggu li kien qieghed ma' mejda fil-*bar*, is-siggu kien imdahhal mal-mejda, il-mejda in kwistjoni kienet l-ewwel mejda ezatt kif wiehed johrog minn wara l-bank tal-*bar* u wara l-bank tal-bar ma kienx hemm siggijiet jew ghamara li jfisser li l-imputat ma setax iqieghed il-gakketta wara l-bank tal-*bar*. PC 673 Kevin Muscat ukoll jghid illi s-siggu li mieghu kienet imdendla l-gakketta kien kwazi hdejn il-*bar*. WPC 237 Antonella Vella xehdet illi ma kien hemm hadd ma' din il-mejda u PC 1372 Alan Cutajar jghid l-istess ossia illi ma kien hemm hadd hdejn din il-mejda. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' WPC 237 Antonella Vella, PC 323 Cedric Buhagiar, PC 364 David Borg, PC 673 Kevin Muscat u PC 760 Christopher Saliba illi n-nies kollha li kien hemm prezenti, hlief ghall-imputat, kienu qeghdin mal-bank tal-*bar*. Da parti tieghu, l-imputat kien jinsab wara l-bank tal-*bar*.

7. WPC 237 Antonella Vella xehdet ukoll illi x'hin kienu hergin mir-residenza tal-imputat, fejn kompliet it-tfittxija, l-imputat talab li jgib gakketta ghaliex skond hu, kien qed ihoss il-bard. Dan gie kkonfermat ukoll minn PC 1372 Alan Cutajar li xehed illi fir-residenza, l-imputat talab gakketta lil ommu u zied jghid illi ommu wegbitu "*mhux diga` hadt il-gakketta l-bajda?*". L-istess PC 1372 jghid illi dak il-hin, omm l-imputat kienet qeghda hdejh u l-imputat kien jinsab metru l-boghod minnu [sottolinear tal-Qorti].

Il-Qorti tqis illi dawn il-provi jippuntaw biss inekwivokabbilment lejn direzzjoni wahda u cioe` li l-gakketta in kwistjoni kienet tappartjeni lill-imputat odjern. Sa hawn, il-Qorti hija diga` moralment konvinta minn dan il-fatt.

Jirrizulta in oltre mix-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba u PC 323 Cedric Buhagiar illi waqt li kienet qeghda ssir tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat, l-imputat minn jeddu talab li jitkellem ma' PC 760 u ammetta mieghu illi l-gakketta kienet tieghu, izda li l-oggetti gewwa fiha ma kinux tieghu u li ma kienx jaf kif tpoggew hemm. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech[13], illi l-imputat kien ammetta darbtejn mieghu illi l-gakketta in kwistjoni kienet tieghu u

[13] Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech, a fol. 27 tal-process.

cioe` darba gewwa r-residenza tieghu fil-presenza ta’ PC 760 u darb’ohra, l-ghada, fl-20 ta’ Frar 2011 fis-2.10 p.m., u cioe` erba’ sighat qabel ittiehdet l-istqarrija tal-imputat bil-miktub, u dan fil-presenza ta’ PS 891 Oscar Baldacchino. L-Ispettur Pierre Grech, in kontro-ezami, jghid illi madankollu, l-imputat innega li d-droga gewwa l-gakketta kienet tieghu u fl-istqarrija tieghu, meta mistoqsi dwar il-gakketta u gie kkonfrontat bl-ammissjoni precedenti tieghu dwar il-gakketta, l-imputat ma wegibx (kif kellu kull dritt li jaghmel). Anke PC 760 jghid illi meta l-imputat tkellem mal-Ispettur Pierre Grech, fil-presenza tieghu, gewwa r-residenza, l-istess imputat qal lill-Ispettur Grech illi l-gakketta kienet tieghu, izda l-affarijiet – b’referenza ghad-droga – ma kienx jaf bihom. Fl-istess xhieda tieghu u in kontro-ezami[14], imbaghad, l-Ispettur Pierre Grech jghid illi PC 760 kien ta s-solita twissija lill-imputat qabel ma tkellem mieghu dwar il-gakketta u li PC 760 kien infurmah illi kien ta din it-twissija lill-imputat, li hu (cioe` ix-xhud) ukoll kien tah is-solita twissija u li dak il-hin jiftakar li kienu fil-kuritur tar-residenza u li tah din it-twissija hafna drabi ohra fil-frattemp, inkluz fis-2.10 p.m. tal-ghada, 20 ta’ Frar 2011, meta gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizja l-imputat rega’ rrepetielu li l-gakketta kienet tieghu. Fix-xhieda tieghu[15], PC 760 ukoll jghid illi kemm hu, kif ukoll PC 1372 kienu taw is-solita twissija lill-imputat qabel tkellem mieghu.

Fix-xhieda taghhom, hadd mill-Ufficjali tal-Pulizija li maghhom l-imputat ammetta li l-gakketta kienet tieghu ma specifika illi l-imputat kien inghata d-dritt ghall-parir legali qabel din l-ammissjoni tieghu, izda jirreferu biss ghall-fatt illi huwa nghata s-solita twissija. Fiz-zmien in kwistjoni, il-ligi Maltija kienet tipprovdi d-dritt li persuna arrestata tinghata d-dritt li tikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogatorju taghha u ghalhekk dan mhux il-kaz fejn il-ligi kienet, fiz-zmien in kwistjoni, tippreKludi lill-imputat odjern milli jinghata dan id-dritt. Dwar dan id-dritt, fid-decizjoni ricenti moghtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, **Mario Borg vs Malta** tat-12 ta’ Jannar 2016, gew affermati l-principji generali li ghandhom jigu segwiti mill-qrati meta inghad hekk:

“*Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*

[14] A fol. 30 tal-process.
[15] A fol.107 tal-process.

*The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction*".

Dan il-jedd ghall-assistenza legali gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skond il-ligi ta' pajjizu, inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija maghmula lilu. Madankollu, il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)[16] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skond il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu, b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pretrial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.*

[16] Dayanan vs Turkey – 7377/03 deciza fit-13 ta' Ottubru 2009.

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."*

Kif qalet ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ricentement fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Gunju 2016, fejn l-attur kien irrilaxxja stqarrija minghajr ma nghata d-dritt li jiehu parir legali stante li fiz-zmien in kwistjoni, il-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt:

"*19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech*[17] *fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fic-cirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali.*

*21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess.*"

---

[17] Hawnhekk il-Qorti kienet qeghda tirreferi ghall-kaz ta' **Dimech vs Malta**, deciz mill-Qorti Ewropea fit-2 ta' April 2015.

F’dan il-kaz, kif inghad, il-ligi vigenti fiz-zmien in kwistjoni kienet taghti d-dritt lill-persuna arrestata sabiex jikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogatorju tieghu ai termini tal-Artikolu 355AT(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. A bazi tas-sentenzi fuq citati, huwa wkoll car li kwalunkwe stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet li taghmel persuna arrestata lill-pulizija, bi pregudizzju ghaliha, wara li tkun giet hekk arrestata, minghajr ma tinghata d-dritt ghall-parir legali, m’ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex tikkunsidra l-htija o meno ta’ dik il-persuna fi proceduri kriminali kontra tieghu. F’dan il-kaz ghalhekk l-ammissjoni tal-imputat mal-Ufficjali tal-Pulizija dwar il-fatt li l-gakketta in kwistjoni kienet tieghu, ma tkunx prova ammissibbli kemm il-darba jirrizulta illi huwa ma nghatax id-dritt ghall-parir legali qabel tali dikjarazzjoni da parti tieghu. Madankollu, mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-20 ta’ Frar 2011[18], jirrizulta s-segwenti:

“*D: Inti, meta gejt imwaqqaf mill-Pulizija, inghatajt id-dritt li titlob u tiehu parir legali u inti rrifjutajtu. Ghadek bil-hsieb li tirrifjuta dan id-dritt*?

*T: Mhux ha nkellmu*”.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tikkunsidra illi ghalkemm huwa minnu li d-domanda wahedha ma taghmilx prova, biss il-Qorti ma tistax ghajr tifhem din ir-risposta tal-imputat bhala konferma ta’ dak li kien gie mistoqsi lilu f’din id-domanda u li huwa kien ghadu bl-istess hsieb u cioe` li ma jikkonsultax ma’ avukat. Fir-risposta tieghu, l-imputat bl-ebda mod ma nnega dak li kien gie ssuggerit lilu fl-istess domanda, izda kkonferma li huwa kien ghadu bl-istess hsieb li ma jitkellimx ma’ avukat, liema dritt ghalhekk diga` kien inghata lilu u ma nghatax lilu biss qabel beda l-interrogatorju tieghu. Tenut kont ta’ dan, kif ukoll tal-fatt illi l-imputat sahansitra rega’ stqarr li l-gakketta kienet tieghu mhux biss mumenti wara l-arrest tieghu gewwa r-residenza tieghu, izda anke l’ghada, erba’ sighat biss qabel ittiehdet l-istqarrija bil-miktub, meta ghalhekk l-imputat kien ilu li gie mwaqqaf mill-pulizija, ma jistax jinghad illi l-imputat ma kienx inghata d-dritt tieghu li jikkonsulta ma’ avukat qabel ma ghamel din id-dikjarazzjoni. Ghalhekk il-Qorti qed tqis din id-dikjarazzjoni tal-imputat bhala prova ammissibbli.

F’dawn ic-cirkostanzi, kif ukoll tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti izjed ‘il fuq dwar il-provi indiretti li jirrizultaw mill-atti u li fi kwalunkwe kaz, anke wahedhom, iwassluha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-gakketta in kwistjoni kienet tal-imputat odjern, il-Qorti tqis illi dan il-fatt gie sodisfacentement ippruvat.

---

[18] A fol. 33 *et seq* tal-process.

La darba gie stabbilit dan il-punt, jibqa' ghalhekk illi l-Qorti taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar jekk jirrizultax, fil-grad rikjest mil-ligi, il-pussess tad-droga kokaina u *ecstasy* da parti tal-imputat u dan fir-rigward tad-droga li nstabet fil-gakketta in kwistjoni. Dwar ix-xjenza rikjesta mil-ligi sabiex jirrizulta l-pussess tad-droga, il-Qorti diga` ghamlet referenza ghal diversi sentenzi izjed 'il fuq fil-kunsiderazzjonijiet taghha.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-provi prodotti u jekk dawn jistghux iwassluha sal-grad tal-konvinciment morali illi l-imputat kellu l-pussess tad-droga in kwistjoni. Huwa minnu illi kif inghad jirrizulta illi l-gakketta in kwistjoni kienet tal-imputat odjern, u ghalhekk indubbjament l-imputat kellu l-kontroll effettiv tal-istess gakketta, izda jista' dan wahdu, fic-cirkostanzi tal-kaz, iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi d-droga li nstabet fil-gakketta kienet tal-imputat jew li huwa kien konsapevoli tal-fatt illi fil-gakketta tieghu kien hemm din id-droga? Jibda biex jinghad illi ghajr ghad-droga kokaina li nstabet fit-tarag, fir-rigward ta' liema l-Qorti ma tistax issib ness, sal-grad tal-konvinciment morali, li jorbot din id-droga mal-imputat u ghajr ghad-droga fil-gakketta, ma nstab xejn izjed fil-pussess tal-imputat ossia la fil-*bar* in kwistjoni, la fir-residenza tieghu u lanqas fil-vettura tieghu li jista' jigi abbinat mal-uzu u/jew traffikar tad-droga da parti tal-istess imputat. Hekk per ezempju ma nstabux imwiezen, boroz vojta jew oggetti ohra li jistghu jindikaw spacc ta' droga lil terzi persuni u ghalkemm jidher li nstabu xi noti b'cifri ta' flus, ismijiet u laqmijiet ta' nies u numri[19], hadd mill-ufficjali kollha tal-pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri ma jaghmel referenza ghal dawn in-noti u hadd minnhom ma jindika minn fejn dawn gew elevati, apparti li l-imputat fl-ebda mument ma jidher li gie mistoqsi dwarhom. Il-Qorti fliet ukoll il-messaggi fuq il-*mobiles* elevati u esebiti u apparti li lanqas jista' jinghad mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija, liema minn dawn il-*mobiles* proprjament instabu fil-pussess tal-imputat, ghaliex kien biss PC 760 li xehed illi eleva erba' *mobiles* u dan mir-residenza tal-imputat, fejn kien hemm prezenti wkoll ommu u missieru, il-messaggi li tnizzlu mill-*mobiles* elevati u li jidhru fir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada[20] ma jsemmux lill-imputat b'tali mod li wiehed jista' jikkonkludi li dawn kienu tieghu, izda anzi pjuttost il-kuntrarju u fi kwalunkwe kaz, anke jekk wiehed kellu joqghod biss fuq dak indikat fir-relazzjoni tal-istess espert (li certament ma kienx hu li eleva dawn il-*mobiles*) u dan fis-sens illi zewg *mobiles* gew indikati minnu bhala li nstabu fuq il-persuna tal-imputat, ma jirrizulta l-ebda messagg, lanqas f'dawn il-*mobiles* li jista' jindika jew anke jqanqal suspett illi l-imputat kien involut fl-ispacc tad-droga. Imbaghad irid jinghad illi ghalkemm fil-

---

[19] Ara r-ritratti bir-referenza FS 110358 – 11 ANT 122, FS 110358 – 11 ANT 123, FS 110358 – 11 ANT 124 fir-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela, a fol. 99 tal-process.

[20] Ara r-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada esebita a fol. 73 tal-process.

vettura tal-imputat instabet is-somma ta' €600, m'hemm assolutament xejn fl-atti li jista' jindika li dawn gejjin mill-bejgh tad-droga. Jirrizulta ampjament li l-imputat kien jahdem gewwa l-imsemmi *bar* u illi effettivament kien registrat bhala *substitute*. In oltre waqt l-interrogatorju tieghu ma gie mistoqsi l-ebda domanda dwar l-introjtu tieghu mill-istess xoghol jew dwar din is-somma misjuba fil-pussess tieghu.

Tikkunsidra wkoll il-Qorti f'dan il-kuntest, illi mit-tliet impronta elevati minn fuq il-kaxxa tal-kartun li fiha kienet tinsab id-droga u li nstabet fil-gakketta tal-imputat, l-ebda wahda ma tat ezitu posittiv, meta dawn gew komparati mal-impronta tal-istess imputat.

Imbaghad il-Qorti tqis ukoll illi l-gakketta in kwistjoni nstabet imdendla ma' siggu, li kien qieghed ma' mejda fl-istess *bar*. F'dan il-kuntest, il-Qorti qieset mill-banda l-wahda illi l-mejda in kwistjoni kienet l-ewwel mejda li wiehed isib hekk kif johrog minn mal-bank tal-*bar* u stante li l-imputat kien qed iservi lin-nies minn wara l-bank, dan ifisser illi l-gakketta kienet facilment accessibbli ghalih. Qieset ukoll illi fil-hin li dahlu l-pulizija fl-istess fond, in-nies li kien hemm gewwa baqghu kalmi, hadd ma offra resistenza lill-ufficjali tal-pulizija u ma kien hemm l-ebda konfuzjoni, apparti l-fatt li hadd ma kien bil-qeghda ma' din il-mejda, ghaliex il-klijenti kollha kienu qeghdin mal-bank tal-*bar*. Biss il-Qorti min-naha l-ohra tqis ukoll illi l-gakketta kienet tinsab f'post accessibbli facilment ghall-pubbliku u li s-sitwazzjoni fil-*bar* meta dahlu l-pulizija ma kinitx necessarjament is-sitwazzjoni matul il-hinijiet ta' qabel. Stante li ma jirrizultax mill-provi illi l-pulizija kienet ghamlet xi osservazzjoni fuq il-fond in kwistjoni qabel ma dahlet fih ghall-habta tad-9.00 p.m., lanqas ma jirrizulta kemm kien ilu miftuh il-*bar* dakinhar jew kemm kien ilu fl-istess *bar* l-imputat jew kemm din il-gakketta kienet ilha mdendla mas-siggu in kwistjoni. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha li kkunsidrat il-Qorti izjed 'il fuq u li ma tirrizulta assolutament l-ebda prova ohra li turi li l-imputat seta' kien involut fid-droga jew fl-ispacc taghha, il-fatt li din il-gakketta bid-droga li nstabet fiha, minkejja li kienet tappartjeni lill-imputat, instabet f'post accessibbli ghall-pubbliku, idahhal f'mohh il-Qorti dak id-dubju jew *lurking doubt* li necessarjament irid imur favur l-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (a) u (b) ossia l-imputazzjonijiet li permezz taghhom l-imputat gie akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina u bil-pussess aggravat ta' medicina psikotropika u ristretta, ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Isegwi ghalhekk illi l-imputat lanqas ma jista’ jinstab hati tal-imputazzjoni (c) li permezz taghha gie addebitat bl-aggravju tad-distanza u tal-imputazzjoni (d) ossia tal-addebitu tar-recidiva, la darba m’hijiex tinstab reita` fl-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

Tordna r-rilaxx tal-*mobiles, sim cards* u *starter packs* esebiti fl-atti, kif ukoll is-somma ta’ sitt mitt Euro (€600) esebita bhala Dok. PG 1 u l-gakketta esebita bhala Dok. PG 3 favur l-imputat.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat